# STUDJI DWAR L-ETIKA LINJI TA' GWIDA BIEX INSIBU L-VERITÀ TA' ALLA

Minn
George Ebejer

# LINJI TA' GWIDA BIEX INSIBU L-VERITÀ TA' ALLA

## INTRODUZZJONI:

**Etika Kristjana f'Soċjetà Globali, Pluralistika, u Sekulari.**

**Etika:** "Id-dixxiplina li tittratta ma' x'inhu tajjeb u ħa-żin jew sewwa u mhux sewwa jew mad-dover morali u obligazzjoni…grupp ta' prinċipji morali jew sett ta' valuri…teorija jew sistema partikulari ta' valuri mora-li…il-prinċipji ta' kondotta li tiggverna individwu jew professjoni…Karattru jew l-ideali ta' karattru muri minn razza ta' nies." (*It-Tielet Dizzjunarju Ġdid Inter-nazzjonali Ta' Webster*).

Kif in-nies jieħdu d-deċiżjonijiet li huma xieraq? X'għajn aħjar minn Ġesù Nnifsu? Aħna sejrin naraw xi punti ta' konfrontazzjoni mill-Vanġelu ta' Mattew.

## I. KONFRONTAZZJONI MAX-XITAN (Mattew 4:1-11)

Huwa importanti li niftakru li Ġesù ġie fid-dinja reali. Naqraw f'Lhud 4:14-16,

> "*Mela meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù Bin Alla, ħa nżo-mmu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha. Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna* ***wieħed li kien imġar-rab bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub****. Ħa nersqu, mela, b'qalbna qaw-*

*wija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqil-għu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li naħtieġu*" (enfasi tiegħi).

Satana jaf li meta r-riżorsi fiżiċi jkunu eżawriti, spiċċaw, ġew fix-xejn jew minħabba l-ġuħ jew minħabba nuqqas ta' mistrieħ, persuna tkun vulnerabbli ħafna. Ġesù kellem direttament lil Satana mingħajr ma uża kliem żejjed.

F'dan it-test monumentali (Mattew 4:1-11), Ġesù uża biss l-għodda li aħna nistgħu nsibuha fir-rebħa Tiegħu fuq Satana. Ma hemm ebda sostitut għal li wieħed ikun jaf l-Iskrittura biex jieqaf għall-pressjonijiet tal-ħajja. Alla jgħin lil dawk li b'mod xieraq jużaw il-Kelma tiegħu. Ġakbu jgħid hekk dwar dan:

"*Jekk xi ħadd minnkom jonqsu l-għerf, għandu jitlob lil Alla, li jagħti lil kull-ħadd b'id miftuħa u bla ma jċanfar 'il ħadd, u jagħtihulu*" (Ġakbu 1:5).

## II. F'DIFIŻA DWAR AZZJONI KARITATTIVA (Mattew 9:1-6)

Li tivvjaġġa ma' Ġesù matul il-jiem Tiegħu fil-ġisem huwa li tara prinċipji ta' etika fl-azzjoni taħt l-aktar ċirkustanzi mhux tas-soltu. Aħna nitgħallmu Minnu kif nittrattaw l-aktar sitwazzjonijiet iebsa ta' prova.

**Reazzjoni għall-Kritiċi:** Mhuwiex faċli li tkun onest f'li tittratta mal-kritiċi. Ġesù dejjem kien lest biex jagħti l-benefiċċju tad-dubju lil kull wieħed minn

dawk li ppruvaw jonsbuh, ukoll għalkemm Hu kien jaf il-motivi tagħhom:

> "*Ġesù għaraf x'kienu qegħdin jaħsbu, u qalilhom: "Imma għaliex qegħdin taħsbu ħażin f'qalbkom? Għax x'inhu l-eħfef, tgħid 'Dnubietek maħfura', jew tgħid 'Qum u imxi'?* (Mattew 9:4, 5).

Il-Kristjan m'għandux imur mill-ewwel għal rabja. Ċertament li hemm ħin għal rabja. Iżda qabel mar-rabja ġusta tkun murija, għandu jkun hemm appell għal raġuni biex tinstab soluzzjoni. Ġesù biċ-ċar wera l-iskop ta' l-azzjoni Tiegħu:

> "*Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art," qal lill-mifluġ: "Qum, aqbad il-mitraħ u mur lejn darek*" (Mattew 9: 6).

Ġesù ma uża l-ebda termini ambigwi. Hu ried lil l-udjenza Tiegħu biex tkun taf l-identità u l-awtorità jew is-setgħa Tiegħu.

## III. DWAR ASSOĊJAZZJONI MAN-NIES (Mattew 9:9-13)

Kull jum huwa jum il-ġudizzju, u aħna lkoll neħtieġu biex nużaw ħafna minnu. Huwa neċessarju ħafna li aħna nitgħallmu minn Ġesù, l-Għalliem il-Kbir, kif nieħud deċiżjonijiet li jgħaddu mit-test kemm taż-żmien kif ukoll ta' l-eternità.

**Meta l-Azzjoni Tiegħek Tkun Ikkundannata:** Il-Kristjan li ma jikkunsidrax kemm id-dinja tista' tkun

kattiva u mhux ġusta jkun qiegħed jagħmel lilu nnifsu vulnerabbli ħafna għal l-attakki jaħirqu tal-kritiċi.

Il-ministeru ta' Ġesù juri sewwa l-ħtieġa li tkun taf fejn inti sejjer jekk inti tistenna li żżomm meta d-daqqiet tal-kritiċi jsiru b'mod mhux ġust u numerużi. Ġesù qal,

> "*L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni, u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu*" (Ġwanni 4:34).

Ir-riċeviment ta' l-ikel fid-dar ta' Mattew huwa studju delikat dwar ir-relazzjoni umana. Kulħadd irid li jkollu kumpanija tajba. Ġesù hawn ried juri li l-bnedmin kollha huma importanti għaliex kollha huma maħluqa fix-xbieha ta' Alla. It-tweġiba ta' Ġesù ma kinetx tiddependi fuq osservanzi reliġjużi ta' barra li malajr isiru tradizzjonijiet vojta u bla siwi. Biex persuna tibdel ħajjitha din trid tara l-imħabba.

## IV. DISKUSSJONI RELIĠJUŻA MAL-ĦBIEB (Mattew 9:14-17)

Xi kultant mistoqsijiet delikati li jitolbu tweġibiet ċari jinvolvu lill-ħbieb u lill-familji tagħna. Speċjalment meta twemmin reliġjuż jidħol fid-diskussjonijiet tagħna. F'dawn il-versi Ġesù wera l-etika xierqa fuq *ħwejjeġ ta' opinjoni*.

It-tattika u l-onestà ta' Ġesù f'din il-konfrontazzjoni mad-dixxipli ta' Ġwanni tista' tkun idduplikata minna hekk kif aħna nfittxu biex nogħġbu lil l-Alla.

**X'MAGĦMILX ĠESÙ:**

Hu ma ndikax għan-nuqqassijiet ta' dawk li bdew jistaqsuh. Hu lanqas ma naqqas l-importanza tagħhom, tad-dixxipli. Id-dixxipli forsi ħassuhom inferjuri ħdejn Ġesù. Hu ma stennihomx biex jikkonformaw għall-prattika Tiegħu u biex iħallu l-prattika tagħhom. Eżempji dwar dan is-suġġett insibuhom f'Rumani kapitlu erbatax. Eżempju ieħor huwa l-laqgħat ta' qima f'ħinijiet differenti fl-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, f'pajjiżi differenti. Imma l-ebda prattika ma tinvolvi punt ta' duttrina.

L-etika Kristjana titlob l-għarfien ta' l-individwu. Spiss muntanji teoloġiċi jsiru minħabba t-tradizzjonijiet.

## X'MAGĦMEL ĠESÙ:

**Hu Mar għar-Raġuni.** Ġesù dejjem irrispetta l-abbiltà ta' individwu biex jasal għall-konklużjoni t-tajba billi juża sewwa moħħu.

In-natura ta' etika Kristjana dejjem turi għan-neċessità ta' kumnikazzjoni effettiva li tinvolvi l-għarfien ta' l-istat ta' l-individwu ndirizzat.

**Hu bil-Għaqal Iddefenda lid-Dixxipli Tiegħu.** Tkun xi tkun il-pressjoni tad-dinja biex tfittex ħalli tħawwad, Ġesù dejjem u ċar kien ma' dawk li taw ħajjithom f'xogħol Għalih. Ġesù wera rispett għar-responsabbiltajiet tagħhom.

**Ġesù Uża s-Sitwazzjoni biex Juri Skop Aktar Għoli.** Hu sejjaħ lid-dixxipli ta' Ġwanni u dawk tiegħu biex iħarsu lejn x'kien Alla qiegħed jagħmel fid-dinja. Ġesù dejjem fittex biex lil udjenza Tiegħu jwassalha biex tagħraf il-qawwa u l-iskop ta' Alla.

Etika Kristjana fit-tagħlim titlob l-istess ħaġa min-na. Meta deċiżjoni jkollha tittieħed, wieħed għandu jiftakar biex jiċċentra l-ħsibijiet tiegħu fuq il-pjan u l-iskop ta' Alla.

## V. L-ETIKA TA' LI NIFHMU LILL-BIEB TAGĦNA
## (Mattew 11:2-11)

Hemm qisien ta' etika li għandhom ikunu osservati kemm jekk qegħdin nittrattaw ma' ħbieb u kemm ma' għedewwa.

Il-Kristjan jitgħallem minn Ġesù kif relazzjonijiet intimi jistgħu jinżammu f'waqtiet diffiċli meta kull xorta ta' mistoqsijiet jisfidaw tweġibiet sempliċi. Huwa faħafna li titlef is-sabar għalkollox ma' dawk I huma qrib tagħna. Aħna xi drabi nimmoderaw in-nuqqas tagħna ta' konsiderazzjoni billi ngħidu "wara kollox hu (jew hi) missu jaf aħjar."

F'dan l-eżempju Ġwanni kien jixraqlu tweġiba. Ġesù pprepara tweġiba li ma kinetx serja tkisser lil Ġwanni fi stat ta' ħtija. It-tweġiba ta' Ġesù kienet ippreżentata b'tali mod li l-ispirtu ta' Ġwanni fil-ħabs ikun imtella' ħalli jara x'kien tassew qiegħed jiġri. It-tweġiba kienet tfakkar dwar kemm il-ministeru ta' Ġwanni kien importanti fit-twettiq tal-pjan ta' Alla taż-żminijiet.

**L-Etika Ta' Tifħir.** Mhux biss id-dixxipli ta' Ġwanni setħu jieħdu lura l-messaġġ ta' kif in-nies kollha kienu qegħdin jisimgħu r-rieda tal-Missier ippreżentata mill-Iben ta' Alla, imma wkoll setgħu jmorru lura għand Ġwanni b'messaġġ ta' tama ġdida

u ta' ferħ li l-app-rezzament etern ta' Alla kien muri lejh minħabba s-servizz leali tiegħu, jiġifieri, is-servizz ta' Ġwanni l-Battista.

Meta nuqqas ta' ftehim jitfaċċa fiċ-ċirku tal-ħbieb jew tal-familja, il-Kristjan dejjem għandu obligazzjoni ta' etika biex jipprattika s-sabar, sensittività, u tħassib li huma murija għal kemm-il darba minn Ġesù Kristu.

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*"
> (2 Korintin 13:13-14).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew: www.churchofchristmalta.com